## 4 ta' Ottubru, 1991

## Imħallef: –

## Onor. Franco Depasquale B.A., LL.D.

C

*versus*

D

## Mandat ta' Inibizzjoni – Partikolaritajiet meħtieġa - Ordni skond l-art. 470A tal-Kap. 12

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jżomm persuna mil tibda jew tissokta tibni bini jew xogħol ieħor ikun li jkun, inkell milli tħott jew tagħmel tibdil f'bini jew f'xogħol ieħor, jew li jżomı persuna milli tidħol f'fond jew lok, jew li tagħmel xi ħaġa, tku li tkun, li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-manda*

*L-artikolu ġdid bin-numru 470A jawtorizza lill-Qorti li wara talb apposita tagħti ordni li tipprojbixxi lill-konjuġi milli jbieg proprjeta immobiljari jew "shares" f'soċjeta kummerċjali u inoltı tipprojbixxi aljenazzjoni simili minn soċjeta kummerċjali li fih l-istess konjuġi ikun azzjonist maggjoritarju; lanqas jista' jaggrav l-beni b'xi djun.*

*L-artikolu il-ġdid iġib in-nullità ta' dak li jkun sar kontra provvedimenti tiegħu, ħaġa li fil-mandat ta' inibizzjoni ma hie kontemplata.*

*Il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju irid isir b'rikors li fih irid iku hemm diversi rekwiżiti elenkati u b'formula apposita takkumpanja t-talba.*

*Il-ħruġ ta' l-ordni taħt l-art. 470A ma jeżiġix li jiġi segwit b'ċitazzjoni.*

Il-Qorti: – Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenuta ottjeniet minn din il-Qorti l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni numru 520 / 91 kontra l-istanti biex tikkawtela xi pretensjonijiet li għandha;

Premess illi f'dak il-mandat ma jissemmewx il-partikolaritajiet dwar il-persuna tal-konvenuta li talbet l-ispedizzjoni tal-mandat, u lanqas ta' l-attur bħala l-persuna inibitanda bil-mandat kif rikjest mil-liġi;

Premess illi l-mandat ġie għalhekk illegalment ottenut u huwa null u bla effett;

Talab, għar-raġunijiet premessi, li dina l-Qorti tiddikjara u tiddeċidi illi fl-assenza tal-imsemmi rekwiżit tal-liġi il-mandat ta' inibizzjoni fuq indikat ġie ottenut illegalment u huwa null u bla effett; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-attur, il-lista tax-xhieda tiegħu u l-elenku tad-dokumenti minnu eżebiti:

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li permezz tagħha hija eċċepiet:

Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fid-dritt stante li n-nuqqas ta' xi rekwiżiti msemmija fl-artikolu 470A (2) jista' jimporta biss

telf ta' xi benefiċċji kontemplati fl-istess artikolu fil-konfront ta' mandati ta' inibizzjoni maħruġa kontra debituri ordinarji u mhux nullità tal-mandat;

Illi fil-kwalunkwe każ hija mhiex il-leġittima kontradittriċi stante li hija ma ħarġet ebda mandat kontra l-attur iżda dan ġie maħruġ mill-Qorti fuq talba tagħha;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda tagħha;

Rat l-atti kollha tal-proċess;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din iċ-ċitazzjoni l-attur qed jitlob li jiġi dikjarat null mandat numru 520 / 91 maħruġ kontra tiegħu peress li nħareġ ħażin għax kien jonqos ċerti dettalji rikjesti fil-liġi;

Illi fl-eċċezzjonijiet tagħha il-konvenuta issottomettiet li hi mhiex il-leġittima kontradittriċi u li t-talbiet kellhom jiġu miċħuda peress li n-nuqqas imsemmi mill-attur jista' jimporta biss telf ta' benefiċċju mogħtija bis-saħħa tal-artikolu 470A (2) fil-kontenut ta' mandati ta' inibizzjoni oħra u mhux iwassal għan-nullità ta' mandat maħruġ;

Illi fid-dikjarazzjoni tagħha il-konvenuta issottomettiet li ma

kinitx ottjeniet mandat a bażi tal-artikolu 470A;

Illi l-Qorti ma taqbilx ma' l-aħħar eċċezzjoni tal-konvenuta dwar l-illeġittimità peress li kif ġustament ġie sottomess fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur: "l-azzjoni ta' nullità ta' att ġudizzjarju hija dejjem eżerċitabbli minn parti kontra l-oħra, imma qatt kontra l-Qorti";

Illi **mandat ta' inibizzjoni** huwa kontemplat fl-artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jispjega li **l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tibda jew tissokta tibni bini jew xogħol ieħor ikun li jkun, inkella milli tħott jew tagħmel tibdil f'bini jew f'xogħol ieħor, jew li jżomm persuna milli tidħol f'fond jew lok, jew li tagħmel xi ħaġa, tkun li tkun, li tista' tkun ta' ħasra lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat;**

Illi l-liġi bl-inċiż sussegwenti timponi fuq il-Qorti li trid tkun "sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet;

Illi oltre din id-disposizzjoni kawtelari, il-leġislatur ftit snin ilu ħass li kellu, fl-artikoli tal-istess Kodiċi li jittrattaw dawn il-proċeduri fis-Sekond'Awla, idaħħal **artikolu ġdid bin-numru 470A li jawtorizza lill-Qorti** *(it shall be competent for the court of contentious jurisdiction)* **li wara talba apposita tagħti ordni li tipprojbixxi lill-konjugi milli jbiegħ proprjetà immobiljari jew "*shares*" fis-soċjetà kummerċjali u inoltre tipprojbixxi aljenazzjoni simili minn soċjetà kummerċjali li fiha l-istess konjugi ikun azzjonista maġġjoritarju u lanqas jista' jaggrava il-beni b'xi djun;**

Illi huwa però speċifikat li din il-projbizzjoni ma tolqotx lill-konjugi għal dak kollu li għandu – hija però limitata għal beni u *shares* li jippartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti bejn iż-żewġ partijiet;

Illi inoltre **l-artikolu l-ġdid iġib in-nullità ta' dak li jkun sar kontra l-provvedimenti tiegħu, ħaġa li fil-mandat ta' inibizzjoni kontemplat fl-artikolu 873, ma hiex kontemplata;**

**Illi l-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju skond l-artikolu relativ irid isir b'rikors li fih irid ikun hemm diversi rekwiżiti elenkati u b'formula apposita li takkumpanja t-talba;**

**Is-setgħat mogħtija bl-artikolu 470A jiddispensaw minn dawn ir-rekwiżiti;**

Illi inoltre ordni maħruġa bis-saħħa tal-artikolu 470A ma tistax "jiġi mħassar, kemm-il-darba il-parti li kontra tagħha jkun ġie maħruġ, tagħmel depożitu jew tagħti garanzija, illi skond iċ-ċirkostanzi tal-każ, ikun biżżejjed biex iqegħdu fiż-żgur il-jeddijiet jew pretenzjonijiet imsemmija fil-mandat";

Illi għalhekk il-Qorti għandha teżamina jekk ir-rikors preżentat mill-konvenuta fl-4 ta' April 1991 intalabx a tenur tal-artikolu 470A jew tal-artikolu 873 tal-istess Kodiċi;

Illi l-artikolu 470A, jolqot beni immobbli, *shares* u djun ( *comprised in the community of acquests* ) l-imsemmi rikors jirreferi għal "proprjeta li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti" u rriferiet għal "fosthom il-mobbli u mobilji kollha

li jinsabu fid-dar konjugali fil- *plot* u l-karozza *Skoda Favorit* ;

Illi l-oġġetti indikati ma kinux jiġu (ħlief għall-imsemmi *plot* ) salvagwardjati bil-ħruġ tal-ordni kontemplati fl-artikoli 470A, waqt li ikunu kollha koperti bil-mandat ta' inibizzjoni skond l-atikolu 873 tal-Kap. 12;

Illi l-konvenuta kienet libera li tippreżenta it-talba tagħha skond liema artikolu applikabbli tagħżel hi; fit-talba tagħha la semmiet l-artikolu 470A, la tat id-dettalji rikjesti mill-inċiż 470A (2) u lanqas saret riferenza għal persuni li kellhom jiġu notifikati, ħlief għal kontroparti;

Illi **l-ħruġ ta' l-Ordni taħt l-artikolu 470 A ma jeżiġix li jiġi segwit b'ċitazzjoni** waqt li skond id-dokument Ċ a fol 15 tal-proċess l-attur odjern ippreżenta nota "li biha jestendi t-terminu għal preżentata taċ-ċitazzjoni wara l-mandat fuq indikat". Dan il-fatt ukoll waddab dawl dwar in-natura tar-rikors preżentat;

Illi l-Qorti hi tal-fehma li r-rikors preżentat mill-konvenuta flimkien mal-formula (a fol 4, 5 u 6 tal-proċess) ġie preżentat a tenur tal-artikoli 829 *et seq*. u tal-artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi tiċħad it-talba attriċi;

Bl-ispejjeż kontra l-attur.